# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' April, 2001**

**Numru 14**

**Cit. Nru. 1/94**

**Joseph Mifsud**

**vs**

**Daphne Caruana Galizia**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attur ipproceda kontra l-konvenuta bil-prezenti att tac-citazzjoni:-

> "Peress illi fir-rubrika "Daphne Caruana Galizia" li dehret f'pagna 9 tal-harga ta' The Sunday Times tas-26 ta' Dicembru, 1993 – li taghha l-konvenuta hija l-awtrici tal-kitba (Dok A) – gew attribwiti fatti determinati li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-istanti bl-iskop li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

U peress illi l-attur bhala l-persuna offiza u malafamata ghandu dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Att XL ta' l-1975);

Tghid il-konvenut ghaliex:-

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-kitba stampata surreferita – li taghha l-konvenuta hija l-awtrici – hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku; u

2. M'ghandhiex tigi kkundannata thallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix elfejn lira (Lm2000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni ta' l-Art 28 ta' l-Att XL ta' l-1974;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenuta eccepiet ghat-talbiet ta' l-attur illi ma kien hemm xejn fil-kitba in kwistjoni li kien malafamanti. Il-kitba tikkontjeni kummenti permissibbli gustifikati fil-kuntest ta' l-artikolu u konsegwentement ma kien hemm l-ebda ammont li l-eccipjenti kellha tigi kundannata biex thallas lill-attur.

**Decide**

B'sentenza tat-12 ta' Marzu, 1996, il-Pim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta. Il-Qorti ddikjarat li l-artiklu in kwistjoni kien libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur li kellu d-dritt ghad-danni kif kontemplat fl-Att ta' l-istampa, liema danni gew likwidati minn dik il-Qorti fis-somma ta' Lm500 li l-konvenuta kienet qed

tigi kundannata thallas lill-attur. Dana bl-ispejjez tal-kawza li kienu wkoll a kariku ta' l-istess konvenuta.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Fic-citazzjoni tieghu,ipprezentata fit-3 ta' Jannar, 1994, l-attur isostni li gie offiz u malafamat, b'artikolu miktub mill-konvenuta, Fir-rubrika 'Daphne Caruana Galizia' li dehret f'pagina 9 tal-harga ta' 'The Sunday Times' fis-26 ta' Dicembru, 1993;
>
> L-artikolu jikkontjieni fatti li huma foloz fil-konfront tal-attur, li jaghti lilu d-dritt ghad-danni, ikkontemplati fl-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa.
>
> Fid-dikjarazzjoni igguramentata tieghu, jispjega b'mod aktar dettaljat, il-ghala huwa jhoss ruhu ingurjat u jghid li huwa gurnalist.
>
> Izid jghid, li hu qatt ma kien membru, socju, jew dirigenti jew ufficjal tal-POPEM u/jew kien xi kollega ta' Meinrad Calleja f'xi ghaqda, inkluz il-POPEM kif allegat mill-konvenuta.
>
> Di piu, din l-allegazzjoni malafamanti, seta' kellha riperkussjonijiet serji fuq l-impieg tieghu.
>
> Issiltiet relevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza minn dan l-artikolu, huma is-segwenti:
>
> "And finally we come to Joe Mifsud, the ball-of-fire radio reporter who has been so vociferous in attacking The Sunday Times for its report."
>
> U aktar tard:
>
> "Joe Mifsud carefully avoiding all mention of Brigadier Calleja's son in his reports on radio and in the Labour Party newspaper Kulhadd. He only referred to him in passing – without naming him – when he could not avoid doing so because during police

questioning his sister stated that it was he who gave her the packet of cocaine in Brigadier Calleja's house. This incidentally, is why the brigadier's house was searched.

Joe Mifsud must have been in a terribly tight squeeze, faced with the prospect of reporting on the activities of Meinrad Calleja, his former POPEM colleague."

L-artiklu ikompli jiddiskuti jekk il-brigadier Calleja kellux jew le jirrizenja minhabba il-misfatti tat-tfal tieghu u fuq l-opinjonijiet ezistenti dwar din il-materja.

Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, il-konvenuta tghid, illi ma hemm xejn fil-kitba li hija malafamanti u li din tikkontjeni kummenti permessibbli u gustifikati fil-kuntest ta' l-artiklu.

Id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta tikkontjeni certu hsieb ta' 'non sequitur' logiku u legali fil-fehma ta' din il-Qorti.

Hemm, fiha ir-rikonoxximent li l-attribwita malafama hija l-allegazzjoni li l-attur huwa "a former POPEM colleague of Meinrad Calleja". Jidher, pero`, li bhala gustifikazzjoni ta' din l-istqarrija, il-konvenuta tibbaza ruhha fuq il-fatt, li l-attur huwa gurnalist u ma gie bl-ebda mod allegat, li dan mhux hekk jew li ma huwiex kapaci f'din il-professjoni tieghu.

Finalment tghid li l-artiklu in kwistjoni huwa 'fair comment'.

Ikun utli li f'dan l-istadju, jigi rilevat li l-konvenuta indikat diversi persuni, fosthom l-istess Meinrad Calleja, u il-Kummissarju tal-Pulizija bhala xhieda taghha ghal provi tal-fatti minnha allegati pero` ebda wiehed minn dawn ix-xhieda ma gie minnha prodott.

Fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 1994, xehed l-attur:

"Jiena meta qrajt l-artikolu tas-Sunday Times tas-26 ta' Dicembru, inhsadt partikolarment ghax jien ghandi reputazzjoni, li jien niggieled lid-droga u deherli li dana l-artikolu seta' serjament jaghmilli hsara ghal din il-fama li jiena ghandi."

Jispjega kif, skond hu, kien instrumentali biex il-kaz ta' l-istess Meinrad Calleja jigi investigat u jghid, ghaliex fil-fehma tieghu, il-Brigadier, missier Calleja, ma kellux jehel ghal eghmil tat-tfal tieghu.

Dwar l-assocjazzjoni tieghu ma Meinrad Calleja hekk jghid:

“Jiena noggezzjoni partikolarment ghall-fatt li dan l-artikolu gie deskritt Meinrad Calleja bhala former colleague tieghi, dana jindika li jiena kelli xi rapport specjali mieghu.”

Jiena fil-fatt ma kelli ebda rapport specjali ma dina l-persuna.”

Dwar l-organizzazzjoni POPEM u l-konnessjoni tieghu maghha hekk jghid:

“dwar l-organizzazzjoni POPEM, jiena nghid li dina kienet organizzazzjoni li kienet immexxija mis-Sur Denis Sammut, l-iskop taghha, kienet li torganizza seminars u attivitajiet ohra. Kien hemm diversi socjetajiet li kienu jippartecipaw fis-seminars organizzati minn din il-POPEM.

Wahda minn dawn is-socjetajiet li kienu jippartecipaw, kienet dik ta’ Hbieb in-Natura li jiena kont President, pero` jiena nghid li apparti minn dan, jiena qatt ma kelli x’naqsam xejn ma POPEM u lanqas naf kif din kienet titmexxa.”

Jilmenta wkoll aktar tard fix-xhieda tieghu dwar il-hsara li dan l-artiklu seta’ ghamillu minhabba ir-reputazzjoni li ghandi bhala gurnalista fil-glieda kontra id-droga.

F’din is-seduta sar wkoll kontro-ezami estensiv ta’ l-attur xhud, partikolarment dwar il-konnessjoni tieghu ma’ Meinrad Calleja u r-raguni ‘il ghala hu ma semmiex ismu fil-kumpilazzjoni ta’ ohtu li l-istess attur kien qed jirrapporta.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-istess xhud attur irrisponda ghal dawn id-domandi b’mod logiku u rragunat.

Jghid illi lil Calleja kien jafu, pero`

“Jien wara din l-okkazzjoni bqajt konoxxenza tieghu, pero` ma nistax nghid li kont habib tieghu.”

Dwar il-konnessjoni tieghu mal-POPEM hekk izid jghid:

“Mistoqsi mill-Qorti, jekk qattx mort il-Libja mistieden mill-Popem, nghid li fiz-zewg okkazzjonijiet li semmejt, zgur ma kontx, ghax ma kellix x’naqsam ma’ l-organizzazjoni taghhom, xi drabi ohra, nghid li l-Popem lili ma stiednitnix, anzi jiena nghid li mal-POPEM kelli tension.”

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 1994 il-Qorti giet infurmata li kien hemm possibilita ta' transazzjoni. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop, f'dawn is-seduti, dik tas-17 ta' Jannar, 25 ta' Jannar, 7 ta' Frar, 24 ta' Marzu, 2 ta' Gunju u 6 ta' Ottubru, 1995 ghal dan l-iskop.

Meta dina it-transazzjoni ma sehhitx il-kawza baqghet ghall-gbir tal-provi ghat-3 ta' Novembru, 1995 u mbaghad ghall-21 ta' Novembru, u 12 ta' Dicembru, ghall-prova tal-konvenuta.

Il-konvenuta mhux biss ma gabietx provi f'dawn is-seduti, pero` lanqas dehret biex tiggustifika dan in-nuqqas taghha, u l-kawza baqghet ghalhekk ghall-finali trattazzjoni, wara li l-attur esebixxa xi dokument li kien ipprometta li jesebixxi.

Il-kawza giet finalment ittrattata u baqghet ghallum ghas-sentenza.

KONSIDERAZZJONIJIET

Il-ligi taghna tipprovdi fuq din il-materja, fl-Att Dwar l-Istampa, fil-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ligi tipprovdi sew ghall-azzjoni Kriminali sew ghal dik Civili.

Fir-rigward tal-azzjoni Civili, hekk jipprovdi l-Artikolu 28 ta' din l-Ligi.

U dan fis-subartikolu 1 tal-istess Artikolu:

"Fil-kaz ta' malafama xi mezz imsemmi fl-artiklu 3 ta' dan l-att, li l-ghan taghha jkun li itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-Qorti Civili kompetenti tista' barra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi, li tkun fis-sehh dak iz-zmien, dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza, somma ta' mhux izjed minn elfejn lira."

Fil-konfront ta' dan l-artiklu il-gurisprudenza lokali taghna tbiddlet sostanzjalment b'konsegwenza principalment tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Angelo Fenech pro et noe vs Carmelo Callus et" deciza fl-4 ta' Frar, 1994.

Din is-sentenza ipprofondiet il-bilanc li ghandu jezisti bejn il-protezzjoni li ghandu l-individwu taht l-Att Dwar l-Istampa, mal-

Liberta ta' espressjoni li tipprovdi dwaru, sew l-Artiklu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, sew l-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem li llum tifforma parti integrali mil-ligijiet taghna fil-Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dik is-sentenza ezaminat wkoll decizjonijiet recenti tal-Qorti Europeja tad-Drittijiet tal-Bneidem, minhabba il-fatt wkoll li, peress illi jista' isir rikors ghal din il-Qorti, dik il-gurisprudenza tifforma parti integrali mil-gurisprudenza taghna.

Din il-Qorti kif presjeduta, kellha il-possibilita' li tezamina dawn il-konsiderazzjonijiet kollha fil-kawza : "Onorevoli Perit Charles Buhagiar vs Ray Bugeja nomine" deciza fid-19 ta' Jannar, ta' din is-sena.

Dawn il-konsiderazzjonijiet applikati ghall-kaz prezenti, iwasslu lill-Qorti ghal dawn il-konkluzjonijiet:

1. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-attur huwa zgur 'figura pubblika', interpretat fis-sens li gie lilha moghti fil-Lingers Case.

Minkejja li dan il-kaz kien jittratta dwar kritika accettabbli fil-konfront ta' Politikanti, m'hemmx dubbju li l-istess ghandu japplika ghal gurnalista li wkoll 'knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalist and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance".

U wkoll 'in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interest of open discussion of political issues'.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess gurnalista bl-istess mod li jippretendi li jista' jikkritika fatti u personaggi, partikolarment politici b'dan il-liberalizmu; ghandu hu wkoll jaccetta li jkun soggett ghal kritika u dan taht l-istess kriterji.

Stabbilit dan il-fatt, pero', dejjem jibqa id-dettam suprem, li din il-krititka trid jew tkun wahda ta' opinjoni jew jekk tiddikjara fatti, li dawn il-fatti jkunu veri.

"Il-linja medjana fejn proprju id-dritt ta' espressjoni libera, taccedi lil dik ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur ta' drittijiet ta' haddiehor, huwa proprju fejn l-espressjoni hija bazata fuq fatti skorretti. F'dan il-kaz jonqos il-

professjonalismu u l-istharrig serju u minflok jidhol gurnalizmu ibbazat fuq allegazzjonijiet u ghidut li ma jirrispettax il-fatti."

Il-perikolu ta' dan huwa ovvju ghax il-qarrej, f'kaz ta' gazzetta li qed jigi pprezentat b'artiklu li min ghalih, qed jelenka fatti, dawk li ma humiex fatti u kuntrarjament tal-kaz fejn huwa ovvju li l-gurnalista qed jesprimi opinjoni soggettiva li l-qarrej, 'ben sapendo' li hija opinjoni, jista' jasal ghal konkluzzjoni konkreta tieghu, dwar il-verita o meno tal-fatti."

Onor Charles Buhagiar vs Ray Bugeja nomine" 19 ta' Jannar, 1996.

Jekk il-kaz ma jinkwadrax ruhu f'dawn il-parametri ma jista qatt ikun 'fair comment' ghax ma jista qatt ikun 'fair' dak li huwa ibbazat fuq fatti li mhumiex veri.

Applikat dawn il-principji ghal kaz prezenti, mill-provi imressqa, din il-Qorti m'ghandiex l-icken dubbju li dan hu il-kaz. L-attur ipprova sufficjentement li ma kienx 'a former POPEM colleague of Meinrad Calleja', fis-sens li la kien jifforma parti mill-POPEM u wisq anqas kien 'colleague of Meinrad Calleja'.

L-opinjoni tal-konvenuta, ghalhekk ibbazata fuq dawn il-fatti, ma setghat qatt ghalhekk tgawdi min dik l-objettivita in erenti fi kritika accettabbli.

Finalment, l-abbli difensur tal-konvenuta bbaza l-ahhar difiza tieghu fuq l-artiklu 21 tal-istess Kapitolu 248, u dan minkejja li din ma gietx moghtija bhala eccezzjoni.

Hekk jipprovdi is-sub-artiklu (1) ta' dan l-imsemmi artiklu:

"Kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet taghha jkunu gew imfissra hazin f'gazzetta jew f'xi xandira, jkollha dritt li titlob u li tigi pubblikat minnufih minghajr hlas, fl-istess gazzetta jew fuq l-istess mezzi tax-xandir skond il-kaz, dikjarazzjoni bhala kontradizzjoni jew spjegazzjoni."

Dan huwa dritt ta' l-attur li fil-kaz prezenti hu irrelevanti talbux jew le.

Il-Qorti pero' trid tirrimarka fuq dan is-sub-artikolu li l-kaz prezenti ma huwiex kaz fejn 'l-azzjonijiet jew intenzjonijiet' ta' l-attur gew imfissra hazin. Dan huwa kaz fejn gew attribwiti fatti lill-attur li ma kienux minnhom. Kienu, almenu minn provi

prodotti, kreazzjonijiet ta' l-artikolista minghajr semblanza ta' verita'.

F'dan ir-rigward il-Qorti thoss li ghandha tadotta il-principju stabbilit fil-Qorti ta' l-Appell, deciza fit-18 ta' Frar, 1946, fl-ismijiet "Onor. A. V. Bartoli vs J. Semeni" fejn gie deciz illi pubblikazzjoni go l-istess gazzetta fejn l-allegazzjonijiet gew michuda, ma timpediex bl-ebda mod lill-persuna li tiehu azzjoni taht l-Att dwar l-istampa. Sahansitra apologija ma kellhiex dan l-effett, u seta' biss kellha effett fil-konsiderazzjoni tal-kumpens".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Din il-Qorti kellha qabel xejn tikkonsidra jekk kienetx jew le korretta il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-artikolu in kwistjoni, ossija dawk il-partijiet minnu li ghalihom oggezzjona l-attur appellat, kienux jew le malafamanti tal-karattru ta' l-istess appellat u intizi biex inaqqsu l-gieh u l-fama tieghu f'ghajnejn il-pubbliku. Din il-Qorti tasserixxi qabel xejn illi l-esposizzjoni tad-dritt maghmula mill-ewwel Qorti, anke fid-dawl tal-gurisprudenza recenti kif ukoll tal-gudikati tal-Qorti Ewropeja kienet sostanzjalment korretta. Ftit li xejn din il-Qorti kellha x'izzid f'dan ir-rigward, hlief forsi ghal accenn ta' enfasi dwar il-vulnerabilita' ta' l-attur – u del resto anke tal-konvenuta – bhala bersall ta' att ta' kritika, anke kultant ingusta fir-rigward ta' l-operat u l-kitba tieghu minn terzi. Dan propju ghaliex din il-Qorti tqis li l-gurnalist, b'mod partikolari dak investigattiv u opinjonista, kif indubbjament huma z-zewg kontendenti, ma setghax ma jitqies figura pubblika, fis-sens illi huwa fil-kitba tieghu, mhux biss jesigi certa liberta' ta' azzjoni f'isem propju l-liberta' ta' l-espressjoni, imma wkoll jarroga ghalih bi dritt, id-dritt illi jikkummenta u jippontifika fuq materji ta' interess pubbliku, f'termini kultant anke estremi, u jippretendi li jista' jaghmel

hekk pratikament bla limitu, salv il-principju universalment rikonoxxut, illi waqt li l-fatti kienu sagri l-kumment dwarhom kien liberu.

Din il-Qorti hi certa li hadd mill-kontendenti ma jikkontesta li haddiehor – anke jekk hu gurnalista bhalu – seta' jagixxi fil-konfront tieghu kif hu stess jagixxi ma' haddiehor. F'dan is-sens allura l-gurnalista hu ekwiparat ma' figura pubblika u daqkemm il-parametri tal-kritika qed jitwessghu dejjem aktar fil-konfront tal-politiku u ta' persuni li jokkupaw ufficcju pubbliku, daqstant iehor qed jitwessghu wkoll ghall-gurnalist.

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet allura hu legittimu li wiehed jigbed il-konkluzzjoni li ma kien hemm xejn legalment skorrett illi gurnalist jikkontesta anke l-operat professjonali ta' gurnalist iehor, fis-sens li jiddikjara ruhu mhux sodisfatt bil-modus operandi tieghu u anke jaghti raguni ta' dak li, fil-fehma tieghu, jidhirlu li hi r-raguni ghal tali nuqqas, jekk u sakemm il-fatti essenzjali li dwarhom ikun ifformola dik l-opinjoni u esprima dak il-kumment kritiku, jirrizultaw li kienu sostanzjalment korretti.

Din il-Qorti ilha issa ghal diversi snin tevolvi l-gurisprudenza – mhux biss ispirata minn zviluppi gurisprudenzjali esteri, imma anke per konvinzjoni propja – illi l-espressjoni demokratika tinhtieg li tinghata l-aktar spazju possibbli fil-konfront ta' l-operat ta' figuri pubblici li kellhom ikunu soggetti ghall-iskrutinju ta' l-istampa hielsa, anke jekk dan ikun a

skapitu ta’ skonfort u inkonvenjenza ghal dawn il-persuni li lejhom tkun immirata. Japplika dan ukoll allura ghall-kritika tal-gurnalist fil-konfront ta’ gurnalist iehor, dejjem sakemm pero’ il-materja tkun wahda ta’ interess pubbliku kif indubbjament kien is-suggett ta’ l-artikolu taht ezami, u il-fatti, kif inghad, ikunu sostanzjalment korretti.

Inoltre, u dan hu sewwa li jinghad ghaliex jimmerita riflessjoni, il-fatti kellhom ikunu sostanzjalment korretti principalment fir-rigward ta’ dawk l-elementi storici li fuqhom l-artikolu jkun ibbazat. Dan ifisser li ma kienx necessarju bhala regola illi l-fatti kollha indikati mill-artikolista bhala l-bazi ghall-kummenti tieghu, kellhom ikunu ezattament veritjeri. Kien ukoll permess fl-artikolu, kritiku tal-kontro-parti, li jkun hemm xi elementi ta’ fatt li ma jkunux jirrizultaw provati sakemm dawn ma kienux determinanti ghall-fini ta’ l-artikolu. Dan ifisser li l-Qorti kellha thares biex tistablixxi illi s-sustanza tal-fatti kienet vera u li l-fatt li jkun hemm xi cirkostanza minn dawk il-fatti li ma tkunx provata jew ma tkunx adegwatament stabbilita, ma jwassalx ghall-konkluzzjoni li l-artikolu jkun malafamanti u ingurjuz tal-fama ta’ haddiehor. Dan naturalment sakemm il-fatt li jirrizulta li ma jkunx provat, jew ma jkunx veritjer, ma jkunx fih innifsu addebitu malafamanti, bhal per ezempju, jekk il-fatt ikun jaddebita lil persuna malafamata l-kommissjoni ta’ rejat. F’dak il-kaz allura, l-ingurja ma tkunx temani mill-artikolu imma mill-fatt stess ta’ l-

addebitu kriminuz li, fih innifsu, ikun jikkostitwixxi l-malafama indipendentement mill-kontenut ta' l-artikolu impunjat.

Dawn il-kazijiet li fihom ma jinkwadrax il-kaz taht ezami, il-"malicious intent" tkun tirrizulta mill-addebitu li jkun fih innifsu ingurjuz. Dawn l-accenni ta' dritt li jistghu mad-daqqa t'ghajn jidhru innovattivi imma fil-verita' jsegwu l-principji gurisprudenzjali evoluti diga in materja ta' libell, iwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzzjoni ben diversa minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Il-Qorti tikkonsidra is-segwenti:-

1) Il-fatt determinat allegatament falz u malafamanti li l-attur appellat oggezzjona ghalih huwa illi l-konvenuta appellanti kitbet illi hu kien "a former Popem colleague" ta' Meinrad Calleja, u minhabba f'hekk, la seta' fil-passat (tikkontendi li l-appellat "must have been in a terribly tight squeeze") u lanqas seta' fil-futur ("Joe Mifsud would do well to make sure that somebody else handles the story") iwettaq id-dmirijiet tieghu ta' gurnalist. Essenzjalment allura l-attur isostni li hu ma kienx *a former Popem colleague* ta' Meinrad Calleja, u una volta dan il-fatt kien falz, l-appellanti ma setghetx tikkonkludi li hu ma kienx f'posizzjoni, minhabba f'din ic-cirkostanza, illi jezercita sewwa l-professjoni tieghu ta' gurnalist.

2) Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti illi l-kostatazzjoni li wiehed kien "a former Popem colleague" kien xi kumment malafamanti, la fih innifsu u lanqas fil-konnotati aktar generici tieghu.

Ma hemm xejn x'jindika lill-Qorti li kien hemm xi haga oskura jew oggezzjonabbli fl-organizzazzjoni Popem, se mai hemm kollox li juri l-kontra. Jidher li hi organizzazzjoni b'ghanijiet specifici, b'ramifikazzjoni internazzjonali, li topera f'ambitu politiku partikolari li pero' jidhru ghall-Qorti ghal kollox legittimi. Hu ghal kollox immaterjali liema pajjiz jiffinanzjaha jew kellu interess fiha. Organizzazzjonijiet ta' din ix-xorta jezistu bil-gzuz. Wiehed jaccettahom jew ma jaccettahomx skond l-orjentament politiku tieghu. Dan bl-ebda mod ma jirrendi l-frazi offensiva u ngurjuza. Ghall-kuntrarju, jekk wiehed ikun ta' l-istess orjentament politiku l-attribut seta' wkoll jigi konsidrat kompliment. Zgur mhux wiehed mill-kazijiet fejn l-artikolista kien qed jiddebita xi cirkostanza ta' fatt fiha nfisha malafamanti bhal ma kien ikun per ezempju kieku gie allegat li kien a colleague ma' xi hadd f'xi assocjazzjoni illegali, sigrieta, dubjuza jew b'ghan kriminuz. Il-fatt allura illi hu allegat illi l-attur kien "a *former Popem colleague"* ta' Meinrad Calleja ma setghax jitqies wahdu li kien malafamanti.

Seta' jkun rilevanti biss il-fatt illi, fiz-zmien tal-pubblikazzjoni ta' l-artiklu, dan Calleja kien qed jigi akkuzat li kien involut f'kazi serji ta' traffikar ta' droga. Il-Qorti tasal, bhall-ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni illi l-prova ta' fatt li l-attur appellat kien *a former Popem colleague* ta' Calleja ma rrizultax. B'danakollu l-allegazzjoni biss li xi hadd kien habib ta' xi hadd fih innifsu, ma setghax jitqies li jikkostitwixxi malafama, sakemm dana ma jkunx jimplika illi bhala konsegwenza ta' dan il-fatt persuna involuta tkun komplici fl-agir kriminuz tal-habib, jew li l-komportament tieghu ikun gie b'daqshekk pregudikat.

L-innuendo allura kellha tmur oltre s-semplici kostatazzjoni tal-fatt ta' hbiberija. Infatti huma ta' dominju pubbliku kazijiet ta' kritika ta' persuni pubblici bazati fuq il-habib tat-tali jekk mhux il-habib tal-habib tat-tali.

Naturalment mhux eskluz illi hemm kazijiet fejn imputazzjonijiet ta' fatt ta' din ix-xorta ikunu, kif inghad, jikkostitwixxu malafama. Kull kaz kellu l-fatti specie tieghu u kellu jigi konsidrat fil-kuntest u fl-implikazzjonijiet suggeriti lill-qarrej. Hu notat li fil-kaz that ezami, l-artikolista appellanti jallega illi l-attur appellat kien "*a <u>former</u> colleague*" u cioe' li <u>kien</u> u mhux li ghadu kollega. Imma lanqas dan ma jirrizulta provat.

5. L-i*sting of the libel* allura, skond l-attur, kien effettivament fil-fatt li l-artikolista assocjat ismu ma' dak ta' Meinrad Calleja fis-sens li hu f'xi

zmien kien kollega tieghu f'attivita' ghal kollox innokwa u li dan il-fatt kien qed igeghlu jonqos mid-dover tieghu ta' gurnalista. Il-Qorti tqis illi l-apprezzament ta' l-artikolista' li l-attur ma kienx qieghed jittratta l-kaz ta' Meinrad Callejja bl-istess alakrita' investigattiva li kienu soltu jittrattaw kazijiet ohra, kien kumment kritiku legittimu ghall-artikolista' u sa hawn ma setghax jitqies li kien hemm xi ombra ta' ingurja. Kien pero' dan l-import veru ta' l-artikolu u l-messagg li l-konvenuta appellanti tajjeb u hazin, riedet twassal lill-qarrejja taghha. L-appellanti mbaghad taddebita dak li ghaliha kien nuqqas ta' l-appellat fl-ezercizzju professjonali tieghu ghall-allegazzjoni skorretta fattwali tal-komunjoni ta' interess li hu darba kellu ma' persuna, ilum akkuzata b'rejati serji, f'materja ghal kollox innokwa. L-implikazzjoni cara kienet li l-appellant kien ihossu skomdu minhabba din ic-cirkostanza li jikkritika lil Calleja.

Din il-Qorti, kuntrarjament ghall-ewwel Qorti, ma tarax li l-addebitu ta' fatt inkriminat kien malafamanti fih innifsu u ma tarax li kien centrali u essenzjali ghall-messagg u ghall-gist centrali ta' l-artikolu. Hu veru li l-artikolista setghet ma qalitx dak li qalet, u kien ikun ahjar li ma qalitux, pero' l-fatt li qalitu ma kienx imur lil hinn min dak li kien accettabbli fil-kritika ta' persuna pubblika, anke jekk kif inghad il-fatt de quo ma jirrizultax provat. L-appell hu fil-fehma ta' din il-Qorti sostnut.

Din il-Qorti finalment tinnota illi in materja ta' libell, l-apprezzament tal-provi da parti tal-Qorti, kien necessarjament kondizzjonat mill-livell ta' gurnalizmu – f'dan il-kaz ta' xejra politika – meqjus mis-socjeta' li kien accettabbli jew tollerabbli bhala espressjoni kritika ta' suggetti ta' interess pubbliku. Il-livell kien allura dak li hu. Il-kompitu tal-Qorti kien li tapplika l-principji ta' dritt in materja anke b'konoxxenza ta' din ir-rejalta' socjali.

Hu wkoll notat illi l-gurnal The Sunday Times of Malta, li fih deher l-artikolu inkriminat, fl-ewwel opportunita' ippubblika ittra mill-Avukat ta' l-attur appellat fejn jismentixxi l-addebitu ta' fatt falsament maghmul fil-konfront tieghu mertu ta' din il-procedura. Dan bl-istess tip u bl-istess prominenza skond il-ligi u fit-termini ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Istampa. Kienet korretta f'dan ir-rigward pero' r-riferenza ta' l-appellat ghas-subinciz 5 ta' l-istess artikolu 21 li jghid illi "Il-pubblikazzjoni ta' kull dikjarazzjoni kif mehtiega b'dan l-artikolu jew kull piena bis-sahha tieghu ma jnehhux il-jedd li tittiehed xi azzjoni ohra that dan l-Att". Il-Qorti tqis pero' li dan hu wiehed minn dawk il-kazi fejn il-publikazzjoni kienet impreciza u addirittura skorretta izda mhux defamatorja fit-termini tal-ligi. Fil-kaz allura ir-rimedju ta' dikjarazzjoni kontradittorja kellu jitqies li kien wiehed sufficjenti biex jirretifika l-impressjoni hazina li setghu hadu l-qarrejja ta' fatt zbaljat addebitat lill-appellat. Ghall-bqija kull kumment kellu jitqies li hu liberu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Dep/Reg

mm